MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 250/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Falzon**
**bhala Chairman**
**Tal-Korporazzjoni**
**tas-Servizzi ta’ l-Ilma**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Falzon bhala Chairman tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta’ l-Ilma talli fl-10 ta’ Mejju 2004 u f’dawn il-granet fi Triq Liedna, Fgura bejn Triq il-Gizi u Triq Rihan, Fgura:

(1) Naqas li jzomm fi stat tajjeb ta’ tiswija s-sistema ta’ katusi tad-drenagg pubbliku fi Triq Liedna bejn Triq il-Gizi u Triq Rihan, Fgura;

(2) Naqas li jaghmel dak kollu li hu mehtieg biex ebda materjal ma jiskula mis-sistema ta’ katusi tad-drenagg pubbliku u biex ma jkun hemm ebda haga li taghti fastidju fil-bini ta’ haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli taghti l-piena, tordna l-esekuzzjoni tal-ligi taht penali li jidhrilha xieraq fin-nuqqas;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Lulju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Michael Falzon fil-kwalita` tieghu premessa hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu 117(1)(2) tal-Kap. 10 u l-artikolu 22 tal-Kap. 446, illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Michael Falzonipprezentat fit-13 ta’ Lulju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant bazikament huma fis-sens illi mill-provi prodotti huwa ma jmissux instab hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu; jigifieri huwa qieghed jitlob li jsir apprezzament mill-gdid ta’ dawn il-provi.

Skond l-appellant, filwaqt illi l-akkuza tirreferi ghall-“10 ta’ Mejju 2004 u f’dawn il-granet”, Joseph Farrugia xehed li kien ilu jsofri minn skular ta’ drenagg u ilmijiet fil-

garaxxijiet tieghu ghal erba' snin. Il-Korporazzjoni rapprezentata mill-appellant hadet ir-responsabbilta` tad-drenagg pubbliku fl-1 ta' Ottubru 2003 b'Avvizi Legali 272 u 336 tas-sena 2003, u ghalhekk fi kwalunkwe kaz ma jistax jinzamm kriminalment responsabbli ghal dak li gara qabel l-1 ta' Ottubru 2003. Barra minn hekk, ikompli l-appellant, jirrizulta li tiswijiet fid-drenagg pubbliku saru izda ma jirrizultax meta saru u dan il-fatt kellu jmur favur tieghu; kif l-anqas ma jirrizulta meta grat il-hsara u ghalhekk ma hemm l-ebda prova li kien l-appellant responsabbli mit-tiswija ta' tali hsara. Dwar it-tieni imputazzjoni mbaghad l-appellant jghid illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti rreferiet ghal difetti fi proprjetajiet private fil-*lower house drains* li setghu kkontribwew ghall-perkolazzjoni ta' ilmijiet fil-garaxxijiet ta' Joseph Farrugia. Ghalhekk, isostni l-appellant, ma setax jinstab hati meta ma giex pruvat li d-drenagg ossia ilma li dahal fil-proprjeta` ta' Joseph Farrugia kien gej mis-sistema tad-drenagg pubbliku.

L-akkuza migjuba kontra l-appellant fil-kwalita` tieghu premessa tirreferi ghal perijodu specifiku, u cioe` "l-10 ta' Mejju 2004 u f'dawn il-granet". M'hemm l-ebda dubju illi, galadarba l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, fi kliem l-appellant stess, "hadet ir-responsabbilta` tad-drenagg pubbliku fl-1 ta' Ottubru 2003", hija hadet ukoll ir-responsabbilta` li zzomm fi stat tajjeb ta' tiswija is-sistema tal-katusi tad-drenagg pubbliku rrispettivament jekk il-hsara kinitx grat qabel l-1 ta' Ottubru 2003 jew gratx wara. Dak li jrid jigi determinat huwa jekk mill-provi jirrizultax illi proprju fil-perijodu ndikat fl-akkuza, il-hsara li jirrizulta li kien hemm fil-katusi f'Liedna Street, Fgura (ara f'dar-rigward l-ittri datati 25 ta' Novembru 2003 u 9 ta' Jannar 2004 a fol. 10 u 13 mill-Principal Health Officer) kinitx diga` ssewwiet jew le.

Meta xehed il-Health Inspector Duncan Gauci quddiem l-ewwel Qorti fis-7 ta' Lulju 2004, minghajr ma semma' ghal liema medda kien qieghed jirreferi, qal illi minn *pressure tests* li kienu ghamlu fil-bidu ta' Gunju rrizulta illi ma kienx hemm *infiltration* u stqarr illi l-*main sewer* kien tranga. Pero` ma ta l-ebda indikazzjoni dwar meta kienet saret it-

tiswija. Hekk ukoll meta rega' xehed fil-15 ta' Novembru 2004. Imbaghad fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2004 xehed Vincent Vassallo li jahdem fil-*waste water unit* tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma li wkoll ikkonferma li l-Korporazzjoni kienet sewwiet il-hsarat li kien hemm u li dak li kien fadal kien li sidien privati jsewwu l-konnessjonijiet taghhom; fl-ebda istanza pero` dan ix-xhud ma qal jew gie mistoqsi meta saru t-tiswijiet. Ix-xiehda ta' Joseph Farrugia, wiehed mill-*complainants*, fil-15 ta' Novembru 2004 fis-sens illi kien ilu bil-problema xi erba' snin, m'hijiex l-anqas indikattiva peress illi wara x-xiehda tieghu komplew isiru xoghlijiet mis-sidien privati sabiex isewwu difetti li kellhom fis-sistemi taghhom.

Konsegwentement, billi ma jirrizultax mill-provi meta saru t-tiswijiet mill-Korporazzjoni msemmija, u cioe` hux qabel l-10 ta' Mejju 2004 (allura fil-perijodu kopert mill-akkuza) jew jekk hux wara dik id-data, l-imputazzjonijiet kif dedotti ma jirrizultawx.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant fil-kwalita` tieghu premessa mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------